REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1480

tas-7 ta' Settembru 2022

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 rigward l-estensjoni tal-perjodi tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi 2-fenilfenol (u l-imlieħ tiegħu, bħall-melħ tas-sodju), 8-idrossikwinolina, amidosulfuron, bensulfuron, bifenoks, klormekwat, klorotoluron, klofenteżina, klomażon, daminożidu, deltametrina, dikamba, difenokonażol, diflufenikan, dimetaklor, esfenvalerat, etofenproks, fenoksaprop-P, fenpropidin, fenpirażammina, fludiossonil, flufenaset, flumetralin, fostijażat, lenasil, MCPA, MCPB, nikosulfuron, żjut tal-paraffina, żejt tal-paraffina, penkonażol, pikloram, proeżadjon, propakwiżafop, prosulfokarb, kwiżalofop-P-etil, kwiżalofop-P-tefuril, 5-nitrogwajakolat tas-sodju, o-nitrofenolat tas-sodju, p-nitrofenolat tas-sodju, kubrit, tebufenpirad, tetrakonażol, tri-allat, triflusulfuron, u tritosulfuron

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-ewwel paragrafu, tal-Artikolu 17 tiegħu,

Billi:

(1) Il-parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 ([2]) tistabbilixxi s-sustanzi attivi meqjusa li kienu approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009, filwaqt li l-Parti B ta' dak l-Anness tistabbilixxi s-sustanzi attivi approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009, u l-Parti E tistabbilixxi s-sustanzi attivi approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 bħala kandidati għas-sostituzzjoni.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1449 ([3]) estenda l-perjodu tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi klorotoluron, klomażon, daminożidu, deltametrina, fludiossonil, flufenaset, fostijażat, MCPA, MCPB u prosulfokarb sal-31 ta Ottubru 2022, tas-sustanzi attivi klormekwat, propakwiżafop, kwiżalofop-P-etil, kwiżafop-P-tefuril, u tritosulfuron sat-30 ta' Novembru 2022, u tas-sustanzi attivi 2-fenilfenol, 8-idrossikwinolina, amidosulfuron, bifenoks, klofenteżina, dikamba, difenokonażol, diflufenikan, dimetaklor, etofenproks, fonoksaprop-P, fenpropidin, lenasil, penkonażol, pikloram, kubrit, tetrakonażol, tri-allat u triflusulfuron sal-31 ta' Diċembru 2022. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/555 ([4]) estenda l-perjodu tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi bensufluron, 5-nitrogwajakolat tas-sodju, o-nitrofenolat tas-sodju,

([1]) ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-lista ta' sustanzi attivi approvati (ĠU L 153, 11.6.2011, p. 1).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1449 tat-3 ta' Settembru 2021 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 rigward l-estensjoni tal-perjodi tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi 2-Fenilfenol (inkluż il-melħ tiegħu, bħall-melħ sodju), 8-idrossikwinolina, amidosulfuron, bifenox, chlormequat, chlorotoluron, clofentezine, clomazone, cypermethrin, daminozide, deltamethrin, dikamba, etofenprox, fenoxaprop-P, fenpropidin, fludioxonil, flufenacet, fosthiazate, indoxacarb, lenacil, MCPA, MCPB, nicosulfuron, żjut tal-paraffin, żejt tal-paraffin, penconazole, picloram, propaquizafop, prosulfocarb, kwiżalofop-P-etil, kwiżalofop-P-tefuril, kubrit, tetraconazole, tri-allate, triflusulfuron, u tritosulfuron (ĠU L 313, 6.9.2021, p. 20).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/555 tal-24 ta' Marzu 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni ta' diversi sustanzi attivi elenkati fil-Parti B tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 686/2012 (il-programm ta' tiġdid AIR IV) (ĠU L 80, 25.3.2017, p. 1).

p-nitrofenolat tas-sodju, u tebufenpirad sal-31 ta' Ottubru 2022. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/291 ([5]) estenda l-perjodu tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva proeżadjon sal-31 ta' Diċembru 2022.

(3) L-approvazzjoni tas-sustanza attiva esfenvalerat se tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2022 f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2047 ([6]).

(4) L-approvazzjoni tas-sustanza attiva fenpirażammina se tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2022 f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 595/2012 ([7]).

(5) L-approvazzjoni tas-sustanza attiva flumetralin se tiskadi fil-11 ta' Diċembru 2022 f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2105 ([8]).

(6) L-applikazzjonijiet għat-tiġdid tal-approvazzjoni ta' dawk is-sustanzi attivi ġew ippreżentati f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 ([9]). Għalkemm ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 tħassar bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1740 ([10]), id-dispożizzjonijiet dwar it-tiġdid tal-approvazzjoni ta' dawk is-sustanzi attivi stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 844/2012, għadhom japplikaw skont l-Artikolu 17 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1740.

(7) Minħabba l-fatt li l-valutazzjoni ta' dawk is-sustanzi attivi ddewmet għal raġunijiet li ma kinux fil-kontroll tal-applikanti, x'aktarx li l-approvazzjonijiet ta' dawk is-sustanzi attivi se jiskadu qabel ma tkun ittieħdet deċiżjoni dwar it-tiġdid tagħhom. Għalhekk, il-perjodi tal-approvazzjoni tagħhom jeħtieġ jiġu estiżi biex jingħata ż-żmien meħtieġ ħalli titlesta l-valutazzjoni.

(8) Barra minn hekk, estensjoni tal-perjodu ta' approvazzjoni hija meħtieġa għas-sustanzi attivi amidosulfuron, klomażon, daminożidu difenkonażol, diflufenikan, fenoksaprop-P, fludiossonil, flufenaset, u tritosulfuron, biex jingħata biżżejjed żmien biex issir valutazzjoni b'rabta mal-proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali ta' dawk is-sustanzi attivi f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikoli 13 u 14 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 844/2012.

(9) Meta l-Kummissjoni tkun se tadotta Regolament li jipprevedi li l-approvazzjoni ta' sustanza attiva msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament ma tiġġeddidx għax ma jkunux ġew issodisfati l-kriterji għall-approvazzjoni, il-Kummissjoni trid tiffissa d-data ta' skadenza li tkun l-istess data ta' qabel dan ir-Regolament, jew id-data tad-dħul

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/291 tad-19 ta' Frar 2019 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni għas-sustanzi attivi 1-naftilaċetammid, aċidu 1-naftilaċetiku, akrinatrina, ażossistrobina, fluważifop p, fluroksipir, imażalil, krežoksim-metil, ossifluworfen, prokloraż, proeżadjon, spiroksamina, teflutrin u terbutilażina (ĠU L 48, 20.2.2019, p. 17).

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2047 tas-16 ta' Novembru 2015 li jġedded l-approvazzjoni tas-sustanza attiva esfenvalerat, bħala kandidat għas-sostituzzjoni, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011. (ĠU L 300, 17.11.2015, p. 8).

([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 595/2012 tal-5 ta' Lulju 2012 li japprova s-sustanza attiva fenpirażammina, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L 176, 6.7.2012, p. 46).

([8]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2105 tal-20 ta' Novembru 2015 li japprova s-sustanza attiva flumetralin bħala kandidat għas-sostituzzjoni, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L 305, 21.11.2015, p. 31).

([9]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 tat-18 ta' Settembru 2012 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-proċedura ta' tiġdid għas-sustanzi attivi, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 252, 19.9.2012, p. 26).

([10]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1740 tal-20 ta' Novembru 2020 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-proċedura ta' tiġdid għas-sustanzi attivi, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 (ĠU L 392, 23.11.2020, p. 20).

fis-seħħ tar-Regolament, dejjem jekk l-approvazzjoni tas-sustanza attiva ma tiġġeddidx, skont liema data tiġi l-aħħar. Meta l-Kummissjoni tkun se tadotta Regolament li jipprevedi t-tiġdid ta' sustanza attiva msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni se tara li tistabbilixxi, skont iċ-ċirkostanzi, l-eqreb data ta' applikazzjoni possibbli.

(10) Għaldaqstant jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 jiġi emendat skont dan.

(11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 huwa emendat f'konformita mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Settembru 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-Parti A hija emendata kif ġej:

(1) id-data ta' skadenza tal-approvazzjoni tad-Deltametrin fis-sitt kolonna, tar-ringiela 40, hija sostitwita bil-"31 ta' Ottubru 2023";

(2) id-data ta' skadenza tal-approvazzjoni tal-Flufenaset fis-sitt kolonna tar-ringiela 65, hija sostitwita bil-"31 ta' Ottubru 2023";

(3) id-data ta' skadenza tal-approvazzjoni tal-Fostijażat fis-sitt kolonna tar-ringiela 69, hija sostitwita bil-"31 ta' Ottubru 2023";

(4) id-data ta' skadenza tal-approvazzjoni tal-Klorotoluron fis-sitt kolonna tar-ringiela 102, hija sostitwita bil-"31 ta' Ottubru 2023";

(5) id-data ta' skadenza tal-approvazzjoni tad-Daminożidu fis-sitt kolonna tar-ringiela 104, hija sostitwita bil-"31 ta' Ottubru 2023";

(6) id-data ta' skadenza tal-approvazzjoni tal-MCPA fis-sitt kolonna tar-ringiela 107, hija sostitwita bil-"31 ta' Ottubru 2023";

(7) id-data ta' skadenza tal-approvazzjoni tal-MCPB fis-sitt kolonna tar-ringiela 108, hija sostitwita bil-"31 ta' Ottubru 2023";

(8) id-data ta' skadenza tal-approvazzjoni tal-Prosulfokarb fis-sitt kolonna tar-ringiela 160, hija sostitwita bil-"31 ta' Ottubru 2023";

(9) id-data ta' skadenza tal-approvazzjoni tal-Fludiossonil fis-sitt kolonna tar-ringiela 161, hija sostitwita bil-"31 ta' Ottubru 2023";

(10) id-data ta' skadenza tal-approvazzjoni tal-Klomażon fis-sitt kolonna tar-ringiela 162, hija sostitwita bil-"31 ta' Ottubru 2023";

(11) id-data ta' skadenza tal-approvazzjoni tal-Amidosulfuron fis-sitt kolonna tar-ringiela 169, hija sostitwita bil-"31 ta' Diċembru 2023";

(12) id-data ta' skadenza tal-approvazzjoni tan-Nikosulfuron fis-sitt kolonna tar-ringiela 170, hija sostitwita bil-"31 ta' Diċembru 2023";

(13) id-data ta' skadenza tal-approvazzjoni tal-Klofentezina fis-sitt kolonna tar-ringiela 171, hija sostitwita bil-"31 ta' Diċembru 2023";

(14) id-data ta' skadenza tal-approvazzjoni tad-Dikamba fis-sitt kolonna tar-ringiela 172, hija sostitwita bil-"31 ta' Diċembru 2023";

(15) id-data ta' skadenza tal-approvazzjoni tad-Difenokonażol fis-sitt kolonna tar-ringiela 173, hija sostitwita bil-"31 ta' Diċembru 2023";

(16) id-data ta' skadenza tal-approvazzjoni tal-Lenasil fis-sitt kolonna tar-ringiela 176, hija sostitwita bil-"31 ta' Diċembru 2023";

(17) id-data ta' skadenza tal-approvazzjoni tal-Pikloram fis-sitt kolonna tar-ringiela 178, hija sostitwita bil-"31 ta' Diċembru 2023";

(18) id-data ta' skadenza tal-approvazzjoni tal-Bifenoks fis-sitt kolonna tar-ringiela 180, hija sostitwita bil-"31 ta' Diċembru 2023";

(19) id-data ta' skadenza tal-approvazzjoni tad-Diflufenikan fis-sitt kolonna tar-ringiela 181, hija sostitwita bil-"31 ta' Diċembru 2023";

(20) id-data ta' skadenza tal-approvazzjoni tal-Fenoksaprop-P fis-sitt kolonna tar-ringiela 182, hija sostitwita bil-"31 ta' Diċembru 2023";

(21) id-data ta' skadenza tal-approvazzjoni tal-Fenpropidin fis-sitt kolonna tar-ringiela 183, hija sostitwita bil-"31 ta' Diċembru 2023";

(22) id-data ta' skadenza tal-approvazzjoni tat-Tritosulfuron fis-sitt kolonna tar-ringiela 186, hija sostitwita bit-"30 ta' Novembru 2023";

(23) id-data ta' skadenza tal-approvazzjoni tal-Bensulfuron fis-sitt kolonna, tar-ringiela 271, hija sostitwita bil-"31 ta' Ottubru 2023";

(24) id-data ta' skadenza tal-approvazzjoni tal-5-nitrogwajakolat tas-sodju fis-sitt kolonna tar-ringiela 272, hija sostitwita bil-"31 ta' Ottubru 2023";

(25) id-data ta' skadenza tal-approvazzjoni, tal-O-nitrofenolat tas-sodju fis-sitt kolonna tar-ringiela 273, hija sostitwita bil-"31 ta' Ottubru 2023";

(26) id-data ta' skadenza tal-approvazzjoni, tal-P-nitrofenolat tas-sodju fis-sitt kolonna tar-ringiela 274 hija sostitwita bil-"31 ta' Ottubru 2023";

(27) id-data ta' skadenza tal-approvazzjoni, tat-Tebufenpirad fis-sitt kolonna tar-ringiela 275, hija sostitwita bil-"31 ta' Ottubru 2023";

(28) id-data ta' skadenza tal-approvazzjoni tal-Klormekwat fis-sitt kolonna tar-ringiela 276, hija sostitwita bit-"30 ta' Novembru 2023";

(29) id-data ta' skadenza tal-approvazzjoni tal-Propakwiżafop fis-sitt kolonna tar-ringiela 278, hija sostitwita bit-"30 ta' Novembru 2023";

(30) id-data ta' skadenza tal-approvazzjoni tal-Kwiżalofop-P-etil u tal-Kwiżalofop-P-tefuril fis-sitt kolonna tar-ringiela 279, hija sostitwita bit-"30 ta' Novembru 2023";

(31) id-data ta' skadenza tal-approvazzjoni tad-Dimetaklor fis-sitt kolonna tar-ringiela 284, hija sostitwita bil-"31 ta' Diċembru 2023";

(32) id-data ta' skadenza tal-approvazzjoni tal-Etofenproks fis-sitt kolonna tar-ringiela 285, hija sostitwita bil-"31 ta' Diċembru 2023";

(33) id-data ta' skadenza tal-approvazzjoni tal-Penkonażol fis-sitt kolonna tar-ringiela 287, hija sostitwita bil-"31 ta' Diċembru 2023";

(34) id-data ta' skadenza tal-approvazzjoni tat-Tri-allat fis-sitt kolonna tar-ringiela 288, hija sostitwita bil-"31 ta' Diċembru 2023";

(35) id-data ta' skadenza tal-approvazzjoni tat-Triflusulfuron fis-sitt kolonna tar-ringiela 289, hija sostitwita bil-"31 ta' Diċembru 2023";

(36) id-data ta' skadenza tal-approvazzjoni tal-Kubrit fis-sitt kolonna tar-ringiela 292, hija sostitwita bil-"31 ta' Diċembru 2023";

(37) id-data ta' skadenza tal-approvazzjoni tat-Tetrakonażol fis-sitt kolonna tar-ringiela 293, hija sostitwita bil-"31 ta' Diċembru 2023";

(38) id-data ta' skadenza tal-approvazzjoni taż-Żjut tal-paraffina fis-sitt kolonna tar-ringiela 294, hija sostitwita bil-"31 ta' Diċembru 2023";

(39) id-data ta' skadenza tal-approvazzjoni taż-Żejt tal-paraffina fis-sitt kolonna tar-ringiela 295, hija sostitwita bil-"31 ta' Diċembru 2023";

(40) id-data ta' skadenza tal-approvazzjoni tat-2-Fenilfenol (u l-imlieħ tiegħu, bħall-melħ tas-sodju) fis-sitt kolonna tar-ringiela 299, hija sostitwita bil-"31 ta' Diċembru 2023";

(b) Il-Parti B hija emendata kif ġej:

(1) id-data ta' skadenza tal-approvazzjoni tal-Proeżadjon, fis-sitt kolonna tar-ringiela 6, hija sostitwita bil-"31 ta' Diċembru 2023";

(2) id-data ta' skadenza tal-approvazzjoni tat-8-idrossikwinolina fis-sitt kolonna tar-ringiela 18, hija sostitwita bil-"31 ta' Diċembru 2023";

(3) id-data ta' skadenza tal-approvazzjoni tal-Fenpirażammina fis-sitt kolonna tar-ringiela 25, hija sostitwita bil-"31 ta' Diċembru 2023";

(c) Il-Parti E hija emendata kif ġej:

(1) id-data ta' skadenza tal-approvazzjoni tal-Flumetralin fis-sitt kolonna tar-ringiela 1, hija sostitwita bil-"11 ta' Diċembru 2023";

(2) id-data ta' skadenza tal-approvazzjoni tal-Esfenvalerat fis-sitt kolonna tar-ringiela 2, hija sostitwita bil-"31 ta' Diċembru 2023";